**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI (OPTION) | ĦIN : SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

**Isem** ______________________________ **Klassi** ______________

## Taqsima A

**Aqra din is-silta u wieġeb *ħames* mistoqsijiet minn *tmienja* f'mhux anqas minn 40 kelma kull waħda.**

F'ħafna pajjiżi demokratiċi, il-ħidma ta' l-istat tiinqasam fi tliet oqsma; Il-***leġislatura***, l-***eżekuttiv*** u l-***ġudikatura***. Kull setgħa tista' tinfluwenza lill-oħrajn iżda l-ebda waħda ma tista' tmexxi kollox weħidha. B'hekk ikun diffiċli ħafna li persuna waħda, jew grupp żgħir ta' nies jaħtaf il-poter kollu f'idejh u jabbuża minnu.

F'Malta l-poter politiku wkoll jinqasam bejn il-Parlament, il-Gvern u l-Qrati. Il-Kostituzzjoni tispjega kif jitqassmu dawn il-poteri. Il-gvern irid jagħti kont ta' għemilu lir-rappreżentanti tal-poplu eletti fil-parlament. F'Malta, fl-1993, inħolqu l-Kunsilli Lokali bil-ħsieb li l-poter jinfirex aktar u tiżdied il-parteċipazzjoni politika. Għalkemm il-poteri tagħhom jibqgħu limitati ħafna, dawn l-għanijiet jidher li ntlaħqu.

1. Xi tfisser meta ngħidu 'pajjiż demokratiku'?

2. Spjega l-kliem ***leġislatura, eżekuttiv u l-ġudikatura.***

3. Kemm-il kapitlu fiha il-Kostituzzjoni ta' Malta? Fuq xiex jitkellem ir-raba' kapitlu? Agħti **żewġ** eżempji.

4. Il-Kostituzzjoni hija l-ogħla liġi tal-pajjiż. Xi tfisser?

5. X'inhuma l-iskopijiet li l-Kunsilli Lokali kellhom jilħqu meta dawn twaqqfu?

6. Il-gvern irid jagħti rendikont ta' l-amministrazzjoni lir-rappreżentanti tal-poplu eletti fil-parlament. Għaliex taħseb li jrid jagħmel hekk?

7. Liema grupp ta' rappreżentanti jifforma l-gvern?

8. X'differenza tgħaddi bejn Gvern Ċentrali u Gvern Lokali?

**(5 x 5 marki)** ***Total 25 marka***

## Taqsima B

**Aqra din is-silta u wieġeb *ħames* mistoqsijiet minn *tmienja* f'mhux anqas minn 40 kelma kull waħda.**

Familja ***simetrika*** tfisser li l-mara u r-raġel fiż-żwieġ ikunu ugwali u jibnu l-ħajja familjari tagħhom b'tali mod li l-ħidma tagħhom it-tnejn għall-ġid tal-familja jaqsmuha flimkien flok bejniethom. Il-ħidma għall-ġid tal-familja tiġbor fiha kemm dak li jsir fid-dar, kif ukoll dak li jsir barra mid-dar. Fil-familja ***tradizzjonali*** istituzzjonali, imsejħa wkoll familja patrijarkali, kienet issir diviżjoni fir-rwoli tar-raġel u tal-mara, bl-iskuża li dan hu predeterminat mill-'gender'. Ir-raġel kien jingħatalu ***r-rwol awtoritattiv*** u l-mara kienet tingħata ***r-rwol affettiv***. Ir-raġel kien jitqies bħala l-kap tad-dar u l-mara l-qalb tagħha. Din l-idea tradizzjonali ġiet superata. Ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ qed jieħdu rwoli ta' xulxin, b'tali mod li jwettqu flimkien, fi sħubija, dak li jkun meħtieġ li jsir għall-ġid tal-familja. Fil-familja tradizzjonali d-diviżjoni tar-rwoli kienet issir b'mod li tifred lir-raġel u lill-mara skond ix-xogħol tagħhom. Fil-familja simetrika ma jsirx qsim tar-rwoli imma hemm taqsim aktar ugwali fis-sens ta' 'sharing'.

Il-liġi tal-familja għenet biex il-familja tissaħħaħ aktar għax hija msejsa fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, u kollaborazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.

1. Agħti tifsira tal-kliem skur u korsiv.
2. X'jistgħu ikunu l-effetti pożittivi u negattivi fuq il-familja meta kemm il-missier u l-omm jaħdmu barra mid-dar? Kif jistgħu jingħelbu d-diffikultajiet?
3. Kwalita' ta' familja tradizzjonali kienet li l-familja kienet estiża. Semmi erba' kwalitajiet jew karatteristiċi oħra.
4. Il-familja saret ukoll waħda nukleari. Għaliex il-familja saret ċellula soċjali interdipendenti?
5. Agħti tagħrif dwar il-liġi tal-familja u l-ġid li ħareġ minnha.
6. X'bidliet seħħew fir-rwoli ta' l-anzjani meta l-istruttura tal-familja nbidlet minn waħda estiża għal waħda nukleari?
7. Għaliex il-familja tradizzjonali kienet ukoll patrijarkali?
8. Semmi xi rwoli li r-raġel u l-mara jaqsmu flimkien fil-familja simetrika.

**(5x5 marki)** ***Total 25 marka***

## Taqsima Ċ

**Agħżel tnejn minn dawn u ikteb 250 kelma fuq kull wieħed.**

1. "L-għan ewlieni ta' l-edukazzjoni huwa t-tħejjija għall-ħajja." Iddiskuti billi tirreferi għat-tipi differenti ta' edukazzjoni f'Malta.
2. "Il-kontroll soċjali jista' jinżamm mingħajr ma titkasbar il-liberta' ta' l-individwu." Iddiskuti.
3. Iddiskrivi kif il-familja tissoċjalizza l-ulied fis-soċjeta' Maltija.
4. X'inhu l-kontribut tat-turiżmu għall-ekonomija Maltija?
5. "Wieħed mill-fatturi essenzjali ta' stat demokratiku huwa l-eżistenza ta' aktar minn partit politiku wieħed." Iddiskuti.

**(2x 25 marka)** ***Total 50 marka***